**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**
**MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)**
CHAIRPERSON

Rikors Nru: 1042/2022 LC

**LUCIANO SIVE LUCIO DEMICOLI (K.I. 227550M)**
**MICHELINA DEBONO (K.I.234547M)**
**LOURDES ARMLA MINN LAWRENCE MANGION (K.I.574045M)**
**DOTTOR RITA MART MALCOLM MICALLEF (K.I.642959M)**
**DORIS DEMICOLI (K.I.309536M)**
**CARMEL DEBONO (K.I.1763M)**
**VINCENZA ARMLA MINN JOSEPH MANGION (K.I.246038M)**
**ANDREW MANGION (K.I.333758M)**
**MARGARET SAID (K.I.536759M)**
**LAWRENCE MANGION (K.I.169962M)**
**LUKE MANGION (K.I.547463M)**
**PAULINE MART ANTHONY CAMILLERI (K.I. 286869M)**
**DONALD MANGION (K.I.183281M)**
**JASON AZZOPARDI (K.I.79391M)**
**TIZIANA AZZOPARDI (K.I.58693M)**
**ANDRAIN MART MICHAEL HEERAN (PASSAPORT BRITTANIKU NRU:553828367)**
**ANNETTE MARIE SAAD (PASSAPORT BRITTANIKU NRU: 528822708)**
**ANGELA MARIA PATTERSON (PASSAPORT BRITTANIKU NRU: 539009161)**
**ANDREW JOSEPH VELLA (PASSAPORT BRITTANIKU NRU: 466340943)**
**CARMELA ARMLA MINN ANDREW MIFSUD (K.I. 63731M)**
**RITA BROOME (INCOME TAX NO: 888348802)**
**GERALD VELLA (INCOME TAX NO: 888349404)**

**PATRICIA VELLA (INCOME TAX NO: 888348901)**
**ANDREANA VELLA (INCOME TAX NO: 888349405)**
**EMANUEL VELLA (INCOME TAX NO: 88349008)**
**LUCIANO VELLA (INCOME TAX NO: 888349206)**
**ANTHONY FENECH ((K.I.174447M)**
**CARMELO FENECH (K.I. 611238M)**
**MARY MART ALFRED SAMMUT (K.I. 568944M)**
**MARIA DOLORES MART JOSEPH FALZON (K.I.758952M)**
**JANE LEGALMENT SEPARATA MINN EMANUEL AQUILINA (K.I. 222357M)**
**JOSEPH FENECH (K.I. 628961M)**

*vs*

**GRAZIO VELLA (K.I. 720844M) U**

**MARIA DOLORES VELLA (K.I. 132655M)**

**U**

**AWTORITÀ TAD-DJAR**

**Illum, 01 ta' Frar, 2023**

Il-Bord,

Ra r-rikors ta' Luciano sive Lucio Demicoli et fejn, għar-raġunijiet hemm premessi u infraskritti, talbu lil dan il-Bord sabiex:

I. Jiddikjara u jiddeċiedi illi l-intimati Grazio Vella (K.I. 720844M) u Maria Dolores Vella (K.I. 132655M) huma l-inkwilini tar-rikorrenti fil-fond 33/34, Triq il-Parroċċa, Luqa u jikkwalifikaw bħala kerrejja ta' dar ta' abitazzjoni abbażi ta' din it-tifsira, ai termini tal-Artikolu 2 tal-Ordinanza li Tirregola t-Tiġdid tal-Kera tal-Bini kif emendat bl-Att XXIV tal-2021.

II. Jordna li jitwettaq it-test tal-mezzi tal-intimati Grazio Vella (K.I. 720844M) u Maria Dolores Vella (K.I. 132655M) fuq it-test tal-mezzi stabbilit fir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta’ Test tal-Mezzi) maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kodiċi Ċivili u kwalunkwe regolamenti oħra li jissostituwhom, ibbażat fuq id-dħul tal-kerrej bejn l-1 ta’ Jannar u l-31 ta’ Diċembru 2020 u fuq il-kapital tal-kerrej fil-31 ta’ Diċembru 2020.

III. Jiddikjara u jiddeċiedi illi ai termini tal-Att XXIV tal-2021, il-kera għandha tiġi riveduta għal ammont li ma jeċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank tas-suq miftuħ tal-fond 60, Triq l-Assunta, l-Marsa u sabiex jiġu stabbiliti kundizzjonijiet ġodda fir-rigward tal-kera.

IV. Jordna, f’każ illi l-intimati Grazio Vella (K.I. 720844M) u Maria Dolores Vella (K.I. 132655M) ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi, l-iżgumbrament tal-istess intimat mill-fond in kwistjoni, fi żmien qasir u perentorju stabbilit minn dan il-Bord u mhux aktar tard minn sentejn mill-1 ta’ Ġunju, 2021.

Bl-ispejjeż u bl-inġunzjoni tal-intimati għas-subizzjoni u b’riserva u mingħajr preġudizzju għal kwalsiasi azzjoni oħra li tista’ talvolta tiġi preżentata.

Ra r-risposta tal-intimati Grazio Vella (K.I. 720844M) u Maria Dolores Vella (K.I. 132655M) datata l-01 ta’ Marzu, 2022 fejn sommarjament, eċċepew illi :

1. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju, l-esponeneti ma jopponux għall-ewwel talba tar-rikorrenti stante illi huma l-

inkwilini tal-fond 33/34, Triq il-Parocca, Luqa u jikkwalifikaw bħala kerreja ta' dar ta' abitazzjoni ai termini tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi fil-mertu, jingħad li l-esponenti jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi hekk kif stabbilit fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 16,11 (Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), maħruġa taħt l-Artikolu 1622A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta għall-perjodi relevanti, u kwindi huma la għandhom iħallsu  kumpens għall-okkupazzjoni tal-fond u wisq anqas ma għandhom jiġu żgumbrati minnu kif mitlub;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost, la darba d-dħul u l-kapital tal-konvenuti huwa ferm inqas minn dak li maħsub fil-Liġi, u dan kif ser jiġi debitament ipprovat fil-kors tal-kawża u in adempiment tad-digriet mogħti mill-Bord ai fini tal-prova tal-mezzi, m'għandux ikun hemm l-ebda reviżjoni kif mitlub;

4. Illi inoltre u bla preġudizzju għas-suespost, kemm-il darba dan l-Onorabbli Bord jgħaddi sabiex jirrevedi l-kirja , il-Bord għandu jagħmel dan wara li jqis li l-esponenti huma komproprjetarji ta' wieħed minn sittax (1/16) parti indiviża tal-fond in kwistjoni, (i) il-benefikati li twettqu f'dan il-fond mill-esponenti  u (ii) l-introjtu minimu tal-esponenti u dan  kif ser jiġi debitament ipprovat fil-kors tal-kawża;

5. Illi fi kwalunkwe' każ, it-talbiet tal-attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-Awtorità tad-Djar tal-15 ta' Frar, 2022, fejn sommarjament, eċċepiet, fost l-oħrajn li (i) r-rikorrenti jeħtieġilhom jipprovaw it-titolu tagħhom u li huma waħedhom s-sidien uniċi tal-fond (ii) l-atturi għandhom jipproduċu d-dikjarazzjonijiet *causa* mortis tad-defunti awturi; (iii) illi dan il-Bord għandu jikkonstata jekk l-Att XXIV tal-2021 għandux jiġi applikat għal dan il-każ; (iv) peress li l-Awtorità hija intervenuta fil-kawża ai termini tal-liġi, hija m'għandhiex tbati l-ispejjeż tal-preżenti; (v) illi l-Periti maħtura bil-liġi għandhom jagħtu il-valur tal-fond liberu u frank fis-suq miftuħ imma kif ikun fl-1 ta' Jannar tas-sena li fih issir ir-rikors; u (vi) f'każ li l-inkwilini jissodisfaw t-test tal-mezzi, il-kera għandha tiġi ffissata f'ammont ta' mhux aktar minn 2% tal-valur tal-propjetà skont il-liġi.

Ra illi in ottemporanza mad-digriet ta' dan il-Bord tal-20 ta' Jannar 2022 l-intimati wettqu t-test tal-mezzi ai termini tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) (Avviż Legali 463 tal-2011).

Ra illi l-Periti Membri tal-Bord, senjatament il-Perit Rene' Cutajar u Anthony Robinson ippreżentaw ir-relazzjoni tagħhom;

Ra id-dokumenti kollha eżebiti;

Ikkonsidra;

Illi l-kawża odjerna qegħda ssir ai termini tal-Artikolu 4A tal-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Artikolu jagħti l-fakoltà lis-sid tal-kera jadixxi lil dan il-Bord u jitlob żieda fil-kera li ma teċċedix it-2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tad-dar ta' abitazzjoni, purchè li d-diversi kriterji hemm imsemmija jiġu sodisfatti;

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel żewġ kriterji li dan il-Bord jinneċessita jistabbilixxi qabel ma jipproċedi ulterjorment huma jekk (i) ir-rikorrenti humiex is-sid il-kera tal-fond in kwistjoni u (ii) jekk l-intimati humiex l-inkwilini ta’ dan l-istess fond.

Ilil r-rikorrenti jiddikjaraw illi huma kompropjetaraji ta 15/16-il sehem indiviż tal-fond de quo u dan mill-eredità ta’ Ignazio sive Lucio u martu Maria Vella li mietu fit-2 ta’ Diċembru 1948 u s-7 ta’ Marzu 1949 rispettivament. Illi l-fond iddevolva għal fuq erba’ mill-ħamest’ulied tal-imsemmija Ignazio sive Lucio u martu Maria Vella, senjatament Francesca Demicoli, Paul Vella, Maria Carmela Briffa u Felicia Fenech. Ir-rikorrenti huma l-eredi ta’ l-aħwa Vella.

Illi ma tressqet ebda prova li tikkontradiċi jew b’xi mod tinnega dan l-istat ta’ fatt ikkreat mill-att appena msemmi, u għalhekk abbażi tal-istess att, il-Bord huwa sodisfatt illi r-rikorrenti huma s-sidien tal-kera tal-fond in kwistjoni.

Ikkonsidra;

Illi fir-rikors promotur ir-rikorrenti jiddikjaraw illi l-fond de quo kien ġie mikri lill-intimati diversi snin ilu. Illi din id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti ma ġietx kontestata mill-intimati, anzi huma stess iddikjaraw fir-risposta tagħhom illi huma l-inkwilini ta’ dan il-fond u b’hekk, <u>għall-finijiet biss ta’ dawn il-</u>proċeduri il-Bord huwa sodisfatt li l-intimati huma effettivament l-inkiwlini tal-fond *de quo.*

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti preżentati fir-rigward tat-test tal-mezzi jirriżulta illi d-dħul tal-intimati Grazio Vella u Maria Dolores Vella ikkalkolat ai

termini tar-Regolamenti 3(a), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), **ma jaqbiżx** dak stipolat mir-Regolament 5(6) u 5(7) rispettivament tal-istess Regolamenti. Għar-rigward tal-kapital tal-intimati kkalkolat ai termini tar-Regolamenti 3(b), 8 u 9 tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi), jirriżulta li **lanqas dan ma jaqbeż** dak stipolat mir-Regolament 6(5) u 6(6) tar-Regolamenti msemmija.

Illi ma ġiet mressqa ebda prova quddiem il-Bord rigward l-applikazzjoni tar-Regolamenti 5(8) u 6(7) tar-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u b'hekk, dan il-Bord ma jara ebda raġuni għalfejn għandu jiddipartixxi mill-kriterji stabbiliti fir-regolamenti 5 u 6 appena ċitati.

B'hekk, il-Bord qiegħed isib illi l-intimati Ignazio sive Lucio u martu Maria Vella **ma jeċċedux** il-kriterji stabbiliti bir-Regolamenti dwar it-Tkomplija tal-Kirja (Kriterji ta' Test tal-Mezzi) u konsegwentement **<u>jissodisfaw</u>** l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi ai termini tal-Artikolu 4A (5) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk, m'hemmx lok għall-applikazzjoni tal-Artikolu 4A (4) tal-istess Kap.

Ikkonsidra;

Illi mir-rapport redatt mil-Periti tal-Bord jirriżulta illi l-fond in kwistjoni jikkonsisti f'dar vi tlett ikmamar tas-sodda fuq żewġ sulari. Għandu bitħa mdaqqas interna u ġnien kbir fuq wara. Għandu wkoll żewġt' ibjar. Il-fond huwa mibni bil-ġebel u possibiliment bis-sejjieħ fil-kmamar l-aktar antiki. Għalkemm il-finituri huma użabbli, huwa rakkomandat manutensjoni regolari u eventwalment rinnovazzjoni tal-fond.

Illi l-periti tal-Bord adottaw il-comparison method u hija l-opinjoni tagħhom, wara li ħadu konjizzjoni tal-inkarigu tagħhom u tentut kont

l-abitazzjoni u d-daqs tagħha, il-valur tal-propjetà fis-suq liberu huwa ta' ħames mija u disgħin elf Ewro (€590,000).

Ikkonsidra;

Illi fl-ikkalibrar tal-awment tal-kera kif mitluba mir-rikorrenti, dan il-Bord ser iżomm quddiem għajnejh dak mgħallem mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**[1]**,** fejn analiżżat l-għan tal-emendi introdotti bl-Att XXVII tal-2018 (u kwindi anke dawk introdotti bl-Att XXIV tal-2021), fejn irrietniet illi:

> *"il-Qorti tikkonkludi li d-dħul fis-seħħ ta' dawn l-emendi fil-liġi kienu maħsuba biex jindirizzaw u joħolqu bilanċ bejn il-jeddijiet tas-sidien li altrimenti kienu ser jibqgħu jirċievu ħlas ta' kera irriżorju għall-proprjetà tagħhom wara li ilhom imċaħħda minnha snin, u l-jeddijiet tal-inkwilini li jibqgħu jgħixu fid-dar li ilhom snin jagħrfu bħala r-residenza ordinarja tagħhom"*

Illi tenut kont ta dak kollu appena espost, il-Bord jemmen li l-awment fil-kera għandu jkun fl-ammont ta' 1.9% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo.*

Dan ifisser li l-kera għandha togħla għal-ammont ta' ħdax-il elf, mitejn u għaxar Ewro (€11,210) fis-sena.

**Deċide:**

[1] **Carmelo sive Charles Caruana et vs Lorenza Vincenza sive Lora Zarb**, Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), 3 ta' Frar 2021, (Appell Nru 126/2018/LM).

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Bord qiegħed jiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti billi:

1. Jilqa’ l-ewwel talba u jiddikjara illi l-intimati Grazio Vella u Maria Dolores Vella huma l-inkwilini tal-fond bin-numru 33/34 Triq il-Parroċċa, Luqa u jikkwalifikaw bħala kerrejj ta’ dar ta’ abitazzjoni abbażi ta’ din it-tifsira.

2. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni talba stante illi t-test tal-mezzi tal-intimati twettaq waqt l-andament tal-proċeduri.

3. Jilqa’ it-tielet talba u jordna illi l-kera tal-fond bin-numru 33/34 Triq il-Parroċċa, Luqa għandha tiġi riveduta għall-ammont ta’ 1.9% tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond *de quo* u konsegwentement jawmenta l-kera pagabbli mill-intimati għall-ammont ta’ ħdax-il elf, mitejn u għaxar Ewro (€11,210) fis-sena u jordna lill-istess intimati Grazio Vella u Maria Dolores Vella iħallsu lir-rikorrenti *in solidum* il-kera hekk awmentata b’effett mil-lum, bħala d-data tas-sentenza u dan bil-modalità ta’ erbgħa (4) skadenzi fis-sena, ċioè fl-ewwel ta kull Jannar, fl-ewwel ta’ April, u fl-ewwel ta’ Lulju u fl-ewwel ta’ Ottubru ta’ kull sena.

4. Jiċħad r-raba’ talba stante illi l-intimati jissodisfaw il-kriterji tat-test tal-mezzi.

5. Jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati u tal-Awtorità intervenuta sa fejn dawn huma inkompatibbli ma’ dak li ġie deċiż hawn fuq.

Kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha ta’ dawn il-proċeduri.

Kopja informali ta' Sentenza.

**Ft.Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**